MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 272/2007

**Chefs Choice Limited (C 14656)**

**Vs**

**Joseph Deguara f'ismu proprio u ghan-nom ta' Jack Frost Frozen Foods Manufacturing Company Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elfejn u sittax-il Euro u disgha u erbghin Euro cents (€2,016.49) - (Lm865.68c) rapprezentanti bilanc mhux imhallas minn prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata, u liema debitu gie wkoll personalment assunt minn Joseph Deguara permezz ta' cekkijiet minnu mahruga li baqghu ma gewx imsarrfa mill-bank li fuqhom inhargu.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elfejn u sittax-il Euro u disgha u erbghin Euro cents (€2,016.49) - (Lm865.68c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------